# Iktar Vari tal-Madonna tar-Rużarju f'Malta u Għawdex



**Chev Mario Coleiro OSJ**

Għaddiet sena oħra u erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa tal-Madonna tar-Rużarju fir-raħal sabiħ tal-Gudja. Fl-artiklu tas-sena l-oħra ħarisna lejn uħud mill-vari tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-parroċċi ta' pajjiżna. Dan ser inkompli nagħmlu din is-sena għalhekk ser nitkellem fuq iktar vari tal-Madonna tar-Rużarju. Ħafna minn dawn il-vari jinħarġu proċesjonalment fix-xahar ta' Ottubru. Kif ser taraw l-awturi ta' dawn il-vari jvarjaw bejn artisti magħrufin u famużi. Fosthom il-magħruf Melchior Gafà u oħrajn. Insibu xi wħud minnhom li nħadmu barra minn Malta u oħrajn ta' awturi mhux magħrufin. Imma minkejja kollox jibqà il-fatt li l-Madonna tar-Rużarju tgawdi devożjoni kbira f'pajjiżna u nażżarda ngħid li mat-titlu tal-Assunta u l-Adolorata dak tar-Rużarju huma l-iktar titlu tal-Madonna li jgawdu devozzjoni f'pajjiżna.

1. Bla dubju ta' xejn l-iktar vara tal-Madonna tar-Rużarju artistikament aprezzata f'pajjiżna hija dik li nsibu fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat Malta. Din il-vara hija biċċa xogħol mill-isbaħ tal-magħruf skultur Melchior Gafà li ħafna mix-xogħlijiet tiegħu wettaqhom fil-belt ta' Ruma. Sfortunatament dan il-ġenju tal-arti miet f'età żgħira ħafna meta kellu biss 32 sena. Din il-vara ta' Gafà skolpiha f'injam u kienet lesta fil-1661. Nistgħu ngħidu li din il-vara kienet ta' ispirazzjoni għall-ħafna vari tal-Madonna bil-Bambin li nsibu f'pajjiżna u għalhekk kienet imitata bosta drabi mhux għall-vari tar-rużarju biss imma għal dawk ukoll tal-Karmnu u taċ-Ċintura.



2. Il-Vara tal-Madonna tar-Rużarju li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Sant Andrija ta' Ħal Luqa hija waħda antika u nħadmet fil-1692 minn artist mhux magħruf. Meta wieħed iħares lejn din il-vara jara ċara l-influwenza li kellha fuq l-artist il-vara li semmejna qabel iġifieri dik tar-Rabat. Irridu niftakru li din ta' Ħal Luqa inħadmet biss 31 sena wara. Tajjeb ngħidu li l-awtur tagħha kien bniedem kapaċissimu għax irnexxielu joħroġ biċċa xogħol verament sabiħa.



3. Fil-knisja Bażilika u Kolleġjata ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur Għawdex insibu vara oħra li hija ispirata wkoll minn dik li nsibu fir-Rabat ta' Malta. Din ukoll hija vara antika li tmur lura bosta snin. Hija skolpita fl-injam u jingħad li hija tqila ħafna. Saret x'imkien wara il-1688 meta f'din is-sena twaqqfet il-parroċċa tan-Nadur. Żgur li din il-vara nħadmet wara din id-data. Għal xi żmien din il-vara kienet tintuża wkoll fil-purċissjoni tal-Gandlora.



4. Fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq insibu vara sabiħa tal-Madonna tar-Rużarju xogħol l-iskultur Żejtuni mastru Xandru Farruġa li skolpija fl-injam fil-1823. Hawnhekk għadna qedin naraw l-influwenza tal-vara tar-rabat ta' Melkor Gafa għalkemm jidher li Farruga espriment u varja xi ftit minn dik tar-Rabat f'din il-vara. Jista jagħti l-kas li meta kienet ikkomissjonata din il-vara seta kien hemm xi klawsola li tgħid li din kellha tkun tixbah lil dik tar-Rabat.



5. Fil-parroċċa ta' San Pietru ta' Birżebbuġa insibu vara tal-injam tal-Madonna tar-Rużarju. Din inġiebet minn barra minn Malta fil-1960. Kienet ordnata għand il-fabbrika ta' Ferdinando Stuflesser ta' Bolzanu fl-Italja. Il-fatt li din kienet ordnata minn barra minn Malta ma għandiex influwenza mill-vara tal-Gafà. Tajjeb ngħidu li f'din il-parroċċa l-fratellanza tar-Rużarju twaqqfet fil-1914.





6. Fil-parroċċa ta' San Ġużepp tal-Imsida nsibu vara tal-kartapesta tal-Madonna tar-Rużarju li kienet inġibet mill-belt tal-Lecce fl-Italja. Din il-vara kienet ordnata wara li f'din il-parroċċa kienet waslet titulari ta' San Ġużepp li nġiebet minn Lecce stess u kienet intgħoġbot ħafna u għalhekk din il-Madonna kienet ordnata għand l-istess fabbrika. Fatt interessanti huwa li teżisti somiljanza kbira bejn il-bambin li naraw fuq dirgħajn San Ġużepp fil-vara titulari u dak li naraw fuq dirgħajn il-Madonna tar-Rużarju. Din hija vara oħra li m'għandiex influwenza mill-vara tal-Gafà.



7. L-unika vara tal-Madonna tar-Rużarju li hija titular f'pajjiżna insibuwa fil-parroċċa tal-Madoona ta' Pompej ġewwa Marsaxlokk. Għalkemm din hija magħrufa bħala il-Madonna ta' Pompej inrealtà din hija l-Madonna tar-Rużarju. Fil-vara naraw ukoll lil San Duminku u lil Santa Katerina ta' Siena. Din inħadmet ġewwa Lecce fl-Italja u waslet Marsaxlokk fil-1900. Hija xogħol tajjeb ħafna fil-kartapesta u tgawdi devozzjoni kbira l-iktar fost is-sajjieda li kienu ikontribwew biex tħallsu l-ispejjes biex inġiebet. Din it-tradizzjoni għada ħajja sal-lum fejn is-sajjieda mis-sajda tagħhom jagħtu parti għall-Madonna u l-festa tagħha. Din ukoll bħat-tnejn ta' qabilha, ma għandiex xebħ mall-vara tal-Gafà.

8. Fil-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi nsibu vara tal-kartapesta sabiħa ferm xogħol l-istatwarju Senglejan Karlu Darmanin. Din inħadmet fil-1860 u ħallset għalija l-fratellanza tar-Rużarju. F'din il-vara Darmanin kien innovattiv u esperimenta ħafna iżda xorta fiha naraw ftit mill-influwenza tal-vara ta' Melchior Gafà li nsibu fir-Rabat. Jingħad li qabel din il-vara kienet teżisti vara oħra tal-injam li kienet diġà tintuża fil-1686 iżda sfortunatament ħadd ma jaf x'sar minna.



9. Fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris ta' tas-Sliema nsibu vara tal-Madonna tar-Rużarju xogħol tal-kartapesta maħduma mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Għalkemm ix-xogħol ta' Wistin jingħaraf dejjem f'din il-vara tinħass ftit l-influwenza tal-vara ta' Gafà tar-Rabat.



10. Fil-parroċċa ta' San Ġużepp tal-Qala Għawdex insibu vara oħra tal-Madonna tar-Rużarju xogħol fil-kartapesta ta' Wistin Camilleri li tista' tgħid hija identika għal dik li nsibu fil-knisja ta' Stella Maris ta' tas-Sliema. F'din il-vara bħal ta' qabilha tinħass ukoll l-influwenza tal-Gafà.



11. Fir-raħal pittoresk taż-Żebbuġ Għawdex fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija nsibu vara tal-Madonna tar-Rużarju li nġiebet minn Marsilja fil-1910. Din hija vara tal-kartapesta u għandha somiljanza ma' vari oħrajn tal-Madonna bil-bambin li nġiebu mid-ditta ta' Galard et Fels ta' Marsilja fi Franza.



12. Fil-parroċċa ta' San Ġwann tax-Xewkija Għawdex insibu vara oħra tad-ditta Galard ta' Marsilja. Din għandha ħafna somiljanza ma' dik taż-Żebbuġ u ħafna vari oħra tal-Madonna li ġew minn Marsilja. Waslet ix-Xewkija fil-1857 u hija tal-kartapesta.



13. Fil-knisja parrokkjali ta' Kirstu Re ta' Raħal Ġdid insibu vara tal-Madonna tar-Rużarju li hija maħduma fil-kartapesta. F'din il-vara għalkemm hija xogħol lokali ma jinħass xejn l-influwenza tal-vara ta' Gafà. Riċentement din il-vara sarilha restawr estensiv li reġa' ta s-sbuħija naturali tagħha.



14. L-aħħar vara tal-Madonna tar-Rużarju li ser nitkellem fuqha f'dan l-artiklu tinsab fil-Gudja stess. Din il-vara sabiħa tinsab fil-knisja tal-Lunzjata. Kienet skolpita fl-injam minn Mastru Antonio Chircop fil-1851. Oriġinalment saret għall-knisja parrokkjali u fil-passat kienet tintuża għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju fejn damet tintuża 71 sena sakemm fil-1922 waslet il-vara preżenti u bdiet tintuża minflokk din. Jingħad li meta waslet il-vara l-ġdida kien inqala' xi inkwiet u ngħalqet il-knisja. Meta wieħed iħares lejn din il-vara jinduna li mastru Chirchop ma żamx il-vara tal-Gafà bħala mudell imma ħareġ bi stil kompletament differenti.



Il-Kumitat jirringrazzja lid-ditti kollha li rreklamaw f'dan il-programm u jħeġġeġ lill-qarrejja biex jagħmlu użu mill-prodotti u s-servizzi tagħhom.
Il-Kumitat jirringrazzja wkoll lil dawk kollha li offrew l-għajnuna tagħhom f'dan il-programm permezz ta' kitba jew ritratti.